

Il-Ġurnal Uffiċjali L 403

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 63

1 ta' Diċembru 2020

Werrej

I Atti leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1785 tas-16 ta' Novembru 2020 li jiftaħ u jipprevedi l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tas-sajd fil-Gżejjer Kanarji mill-2021 sal-2027** 1

II Atti mhux leġiżlattivi

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1786 tas-27 ta' Novembru 2020 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal** 5

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1787 tat-23 ta' Novembru 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-emendar tad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE biex jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE** 8
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1788 tal-25 ta' Novembru 2020 li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika tal-Awstrija, fil-Kumitat tar-Regġuni** 10
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1789 tal-25 ta' Novembru 2020 li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Regġuni** 11

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

(Atti leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2020/1785

tas-16 ta' Novembru 2020

li jiftaħ u jipprevedi l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tas-sajd fil-Gżejjer Kanarji mill-2021 sal-2027

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 349 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

- (1) Is-sitwazzjoni ġeografika eċċezzjonali tal-Gżejjer Kanarji rigward is-sorsi tal-provvista ta' ċerti prodotti tas-sajd li huma essenzjali għall-konsum domestiku tinvolvi spejjeż addizzjonali għal dan is-settur. Dan it-tfixkil naturali, kif rikonoxxut fl-Artikolu 349 tat-Trattat, li jirriżulta mill-insularità, il-bogħod u l-pożizzjoni ultraperifika tal-Gżejjer Kanarji jista' jiġi indirizzat, fost l-oħrajn, billi jiġu sospiżi temporanjament id-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet tal-prodotti inkwistjoni minn pajjiżi terzi fi ħdan il-kwoti tariffarji tal-Unjoni ta' volum xieraq.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1412/2013 ⁽²⁾ fetaħ u ppreveda l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tas-sajd fil-Gżejjer Kanarji għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (3) F'Lulju 2019, il-Kummissjoni ppreżentat eżami tal-impatt tal-miżuri lill-Kunsill, fejn ipprovdiet għażliet għall-perijodu wara l-31 ta' Diċembru 2020.
- (4) L-eżami wera li r-rata tal-użu tal-kwoti 09.2997 u 09.2651 kienet sinifikanti. Taħt il-kwota 09.2651, il-kodiċi NM 0308 ma ntużax.
- (5) Kwoti tariffarji simili għal dawk miftuħa bir-Regolament (UE) Nru 1412/2013 għal ċerti prodotti tas-sajd huma ġġustifikati peress li jkopru l-ħtiġijiet tas-suq domestiku tal-Gżejjer Kanarji, filwaqt li jiżguraw li l-flussi tal-importazzjonijiet bla dazju fl-Unjoni jibqgħu prevedibbli u identifikabbli b'mod ċar.

⁽¹⁾ Opinjoni tad-29 ta' Ottubru 2020 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1412/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jiftaħ u jipprevedi l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd fil-Gżejjer Kanarji mill-2014 sal-2020 (ĠU L 353, 28.12.2013, p. 1).

- (6) Għalhekk, bl-għan li l-operaturi ekonomiċi jingħataw perspettiva fit-tul biex jilħqu livell ta' attività li jistabbilizza l-ambjent ekonomiku u soċjali tal-Gżejjer Kanarji, jixraq li r-reġim tal-kwoti tariffarji awtonomi tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għal ċerti prodotti elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament, jiġi estiż għal perijodu addizzjonali.
- (7) Sabiex jiġi evitat li tiġi pperikolata l-integrità u l-koerenza tas-suq intern, jenħtieġ li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-prodotti tas-sajd li għalihom tingħata sospensjoni jkunu maħsuba biss għas-suq domestiku tal-Gżejjer Kanarji.
- (8) Jenħtieġ li jittieħdu miżuri sabiex jiġi żgurat li l-Kummissjoni tinżamm infurmata regolarment bil-volum tal-importazzjonijiet inkwistjoni sabiex, jekk ikun meħtieġ, tkun tista' tieħu passi biex tipprevjeni kwalunkwe moviment spekulattiv jew devjazzjoni tal-kummerċ.
- (9) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni li jippermettu lill-Kummissjoni tirtira temporanjament is-sospensjoni fil-każ ta' devjazzjoni tal-kummerċ. Jenħtieġ li daww is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾. Madankollu d-deċiżjoni aħharja dwar jekk is-sospensjoni jenħtieġx li tinżamm jew tiġi rtirata definittivament, jenħtieġ li tittieħed mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 349 tat-Trattat waqt il-perijodu ta' żmien li fih is-sospensjoni hija temporanjament irtirata mill-Kummissjoni.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżguraw il-kontinwità wara li jiskadi r-Regolament (UE) Nru 1412/2013. Għalhekk, jixraq li jiġu applikati l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027,

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027, id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni applikabbli għall-importazzjonijiet fil-Gżejjer Kanarji tal-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom ikunu sospiżi kompletament għall-kwantitajiet indikati f'dak l-Anness.
2. Is-sospensjoni msemija fil-paragrafu 1 għandha tingħata esklussivament għall-prodotti maħsuba għas-suq domestiku tal-Gżejjer Kanarji. Din għandha tapplika biss għall-prodotti tas-sajd li jinhatu minn bastiment jew ingenu tal-ajru qabel ma d-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali fil-Gżejjer Kanarji.

Artikolu 2

Il-kwoti tariffarji msemija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ġestiti f'konformità mal-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ⁽⁴⁾.

Artikolu 3

Sat-30 ta' Ġunju 2026, l-awtoritajiet kompetenti Spanjoli għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fl-Artikolu 1. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-impatt ta' daww il-miżuri u, filwaqt li tqis is-sejbiet tagħha, għandha tippreżenta lill-Kunsill kwalunkwe proposta rilevanti għall-perijodu wara l-2027.

Artikolu 4

1. Meta l-Kummissjoni jkollha raġunijiet biex temmen li s-sospensjonijiet previsti f'dan ir-Regolament wasslu għal devjazzjoni tal-kummerċ ta' prodott speċifiku, hija tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jirtiraw is-sospensjoni temporanjament għal perijodu mhux itwal minn 12-il xahar. Daww l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 5(2).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

Il-ħlas tad-dazji tal-importazzjoni għall-prodotti li għalihom is-sospensjoni tkun ġiet irtirata temporanjament, għandhom ikunu koperti b'garanzija, u r-rilaxx tal-prodotti kkonċernati għaċ-ċirkolazzjoni libera fil-Gżejjer Kanarji għandu jkun bil-kundizzjoni li tingħata din il-garanzija.

2. Fil-perijodu msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni aħħarija f'konformità mal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar jekk iżommx jew jirtirax definittivament is-sospensjoni msemmija fil-paragrafu 1. Jekk is-sospensjoni tiġi rtirata definittivament, l-ammonti tad-dazji koperti b'garanziji għandhom jinġabru definittivament.

3. Jekk ma tiġi adottata l-ebda deċiżjoni definittiva fil-perijodu massimu ta' 12-il xahar f'konformità mal-paragrafu 2, il-garanziji ta' kopertura għandhom jiġu rilaxxati.

Artikolu 5

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, stabbilit permezz tal-Artikolu 285 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 6

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw il-ġestjoni u l-kontroll xierqa tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

ANNEX

Nru tal-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Ammont annwali tal-kwota (tunnellati)	Dazju fuq il-kwota
09.2997	0303	Ħut iffriżat, ħlief fletti ta' ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304	15 000	0 %
	0304	Fletti ta' ħut u laħam ieħor tal-ħut (kapuljat jew mhuwiex), frisk, imkessaħ jew iffriżat		0 %
09.2651	0306	Krustaċji, kemm jekk fil-qoxra u kemm jekk le, ħajjin, friski, imkessħin, iffriżati, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; krustaċji affumikati, kemm jekk fil-qoxra u kemm jekk le, kemm jekk imsajrin qabel jew matul il-proċess ta' affumikazzjoni; krustaċji, fil-qoxra, imsajrin bil-fwar jew mgholljin fl-ilma, kemm jekk imkessħin u kemm jekk le, iffriżati, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; dqiq, frakass u gerbub ta' krustaċji, tajbin għall-konsum mill-bniedem	15 000	0 %
	0307	Molluski, kemm jekk fil-qoxra u kemm jekk le, ħajjin, friski, imkessħin, iffriżati, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; molluski affumikati, kemm jekk fil-qoxra u kemm jekk le, kemm jekk imsajrin qabel jew matul il-proċess ta' affumikazzjoni; dqiq, frakass u gerbub ta' molluski, tajbin għall-konsum mill-bniedem		0 %

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1786

tas-27 ta' Novembru 2020

dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v), u mal-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1925 ⁽²⁾, il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal ("il-Protokoll") ġie ffirmat fit-18 ta' Novembru 2019.
- (2) L-għan tal-Protokoll huwa li jippermetti lill-Unjoni u lir-Repubblika tas-Senegal ("is-Senegal") jaħdmu aktar mill-qrib bejniethom biex jippromwovu politika tas-sajd sostenibbli u l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tas-Senegal u li jippermettilhom jappoġġaw l-isforzi tas-Senegal biex jiżviluppaw is-settur tas-sajd tagħhom.
- (3) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi approvat f'isem l-Unjoni.
- (4) L-Artikolu 7 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt inkarigat mill-kontroll tal-applikazzjoni tal-Ftehim. Barra minn hekk, il-Kumitat Konġunt jista' jadotta ċerti emendi għall-Protokoll. Sabiex tiġi ffaċilitata l-approvazzjoni ta' dawn l-emendi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tapprovahom f'isem l-Unjoni bi proċedura ssimplifikata, b'ċerti kondizzjonijiet sostantivi u proċedurali.
- (5) Jenħtieġ li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-emendi previsti għall-Protokoll. Jenħtieġ li l-emendi proposti jiġu approvati sakemm minoranza ta' Stati Membri li timblokka ma toġġezzjonax għalihom skont l-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni ⁽³⁾.

⁽¹⁾ Kunsens tal-11 ta' Novembru 2020 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1925 tal-14 ta' Novembru 2019 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal (ĠU L 299, 20.11.2019, p. 11).

⁽³⁾ It-test tal-Protokoll ġie ppubblikat fil-ĠU L 299, tal-20 ta' Novembru 2019 flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar tiegħu.

Artikolu 2

Skont il-proċedura stabbilita fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tapprova, fisem l-Unjoni, l-emendi għall-Protokoll li l-Komitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 7 tal-Ftehimgħandu jadotta.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu jipproċedi, fisem l-Unjoni, għan-notifika prevista fl-Artikolu 17 tal-Protokoll.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2020.

Għall-Kunsill

Il-President

M. ROTH

ANNEX

PROĊEDURA BIEX JIĠU APPROVATI L-EMENDI TAL-PROTOKOLL LI L-KUMITAT KONĠUNT GĦANDU JADOTTA

Meta l-Kumitat Konġunt jintalab jadotta emendi tal-Protokoll skont l-Artikoli 8 u 10 tiegħu, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tapprova l-emendi proposti fisem l-Unjoni bil-kundizzjonijiet li ġejjin

- (1) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-approvazzjoni fisem l-Unjoni:
 - (a) tkun konformi mal-oġettivi tal-politika komuni tas-sajd;
 - (b) tkun kompatibbli mar-regoli rilevanti adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd u tkun tqis il-ġestjoni konġunta min-naħa tal-Istati kostali;
 - (c) tkun tqis l-aħħar informazzjoni statistika, bijoloġika u ta' tip ieħor rilevanti mibgħuta lill-Kummissjoni.
- (2) Qabel ma tapprova l-emendi proposti fisem l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tibgħathom lill-Kunsill biżżejjed żmien qabel il-laqgħa rilevanti tal-Kumitat Konġunt.
- (3) Il-Kunsill għandu jevalwa l-konformità tal-emendi proposti mal-kriterji ddefiniti fil-punt 1 ta' dan l-Anness.
- (4) Il-Kummissjoni għandha tapprova l-emendi proposti fisem l-Unjoni, sakemm għadd ta' Stati Membri li jkun daqs minoranza li timblokka lill-Kunsill, skont l-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ma joġġezzjonax għalihom. F'każ li jkun hemm it-tali minoranza li timblokka, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta l-emendi proposti fisem l-Unjoni.
- (5) Jekk, matul laqgħat ulterjuri tal-Kumitat Konġunt, inkluż dawk fuq il-post, ma jkunx jista' jintlaħaq qbil, il-kwistjoni għandha terġa' tintbagħat lill-Kunsill skont il-proċedura prevista fil-punti 2 sa 4, sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tkun tista' tqis elementi ġodda.
- (6) Il-Kummissjoni hija mistiedna tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa fiż-żmien dovut biex tiżgura s-segwitu tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, inkluż, meta dan ikun xieraq, il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni rilevanti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u l-komunikazzjoni ta' kull proposta meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dik id-deċiżjoni.
- (7) Fir-rigward ta' kwistjonijiet oħrajn li ma jirrigwardawx emendi tal-Protokoll skont l-Artikoli 8 u 10 tiegħu, il-pożizzjoni li l-Unjoni għandha tiegħu fil-Kumitat Konġunt għandha tiġi stabbilita skont it-Trattati u skont il-prattiki ta' ħidma stabbiliti.

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1787

tat-23 ta' Novembru 2020

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-emendar tad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE biex jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾ (il-"Ftehim ta' Sħubija AKP-UE") kien ġie ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2003. Taħt id-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE ⁽²⁾ (id-"deċiżjoni dwar miżuri tranżizzjonali"), huwa għandu jiġi applikat sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (2) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, ġew varati, f'Settembru 2018, negozjati għal Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġdid (il-"Ftehim il-ġdid"). Peress li l-Ftehim il-ġdid mhux se jkun lest biex jiġi applikat sal-31 ta' Diċembru 2020, id-data meta jiskadi l-qafas legali kurrenti, minħabba, fost affarijiet oħrajn, dewmien ikkawżat mill-pandemija tal-COVID-19, jeħtieġ li tiġi emendata d-deċiżjoni dwar miżuri tranżizzjonali biex tkompli tiġi estiża l-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE sat-30 ta' Novembru 2021.
- (3) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE jipprevedi li l-Kunsill tal-Ministri AKP-UE għandu jadotta kwalunkwe miżura tranżizzjonali li tista' tkun meħtieġa sa meta l-Ftehim il-ġdid jidħol fis-seħħ.
- (4) Taħt l-Artikolu 15(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, fit-23 ta' Mejju 2019 il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE ddelega s-setgħat ta' adozzjoni ta' miżuri tranżizzjonali lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE ⁽³⁾. Għalhekk huwa l-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li għandu jemenda l-miżuri tranżizzjonali taħt l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, peress li l-att previst jorbot lill-Unjoni.
- (6) Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE se jibqgħu jiġu applikati sabiex tinżamm il-kontinwità fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati AKP, min-naħa l-oħra. Għaldaqstant, il-miżuri tranżizzjonali emendati mhumiex intiżi bħala emendi magħmulin lill-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE kif previst fl-Artikolu 95(3) tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE kien ġie emendat mill-Ftehim iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27) u mill-Ftehim iffirmat f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-17 ta' Diċembru 2019 li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU L 1, 3.1.2020, p. 3).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tat-23 ta' Mejju 2019 dwar id-delega tas-setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar id-deċiżjoni li jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU L 146, 5.6.2019, p. 114).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, taħt l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, hija li tiġi emendata d-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE sabiex tiġi estiża l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE sat-30 ta' Novembru 2021, jew sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim il-ġdid, jew sa meta tibda l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim il-ġdid bejn l-Unjoni u l-Istati AKP, skont liema data taħbat l-ewwel.

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE għandhom jiġu applikati f'konformità mal-mira u l-għan tal-Artikolu 95 (4) tiegħu.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1788

tal-25 ta' Novembru 2020

li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika tal-Awstrija, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Awstrijakk,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Diċembru 2019, fl-20 ta' Jannar 2020, fit-3 ta' Frar 2020 u fis-26 ta' Marzu 2020 il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2019/2157 ⁽¹⁾, (UE) 2020/102 ⁽²⁾, (UE) 2020/144 ⁽³⁾ u (UE) 2020/511 ⁽⁴⁾ li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-8 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/766 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 ⁽⁵⁾. Fit-30 ta' Lulju 2020, il-Kunsill adotta wkoll id-Deċiżjoni (UE) 2020/1153 li taħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽⁶⁾.
- (2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sa Carmen KIEFER, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Hija b'dan maħtura membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

— Is-Sa Bernadette SCHÖNY, Membru ta' Assemblée Lokali: *Municipal Council of the municipality of Kaltenleutgeben*.*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2020.

*Għall-Kunsill**Il-President*

M. ROTH

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/144 tat-3 ta' Frar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 32, 4.2.2020, p. 16).

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/511 tas-26 ta' Marzu 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 113, 8.4.2020, p. 18).

⁽⁵⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/766 tat-8 ta' Ġunju 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 187, 12.6.2020, p. 3).

⁽⁶⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1153 tat-30 ta' Lulju 2020 li taħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 256, 5.8.2020, p. 12).

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1789

tal-25 ta' Novembru 2020

li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Estonjan,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Diċembru 2019, fl-20 ta' Jannar 2020, u fit-3 ta' Frar 2020 u fis-26 ta' Marzu 2020 il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2019/2157 ⁽¹⁾, (UE) 2020/102 ⁽²⁾ (UE) 2020/144 ⁽³⁾ u (UE) 2020/511 ⁽⁴⁾ li jaħtu l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-8 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/766 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 ⁽⁵⁾. Fit-30 ta' Lulju 2020, il-Kunsill adotta wkoll id-Deċiżjoni (UE) 2020/1153 li taħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽⁶⁾.
- (2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni u abbażi ta' dan is-Sur Rait PIHEL GAS (Rappreżentant ta' korp lokali jew reġjonali politikament responsabbli quddiem Assemblée eletta: Järva Rural Municipality Council) ġie propost,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huwa b'dan maħtur membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

— Is-Sur Rait PIHEL GAS, Membru ta' Assemblée Lokali: Järva Rural Municipality Council (bidla tal-mandat).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2020.

Għall-Kunsill

Il-President

M. ROTH

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/144 tat-3 ta' Frar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 32, 4.2.2020, p. 16).

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/511 tas-26 ta' Marzu 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 113, 8.4.2020, p. 18).

⁽⁵⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/766 tat-8 ta' Ġunju 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 187, 12.6.2020, p. 3).

⁽⁶⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1153 tat-30 ta' Lulju 2020 li taħtar membri u membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 256, 5.8.2020, p. 12).

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)